



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

20.11.2012

B7-0531/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tishiĥ tad-dispozizzjonijiet komuni kontra l-kontraffazzjoni flimkien
ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

**Cristiana Muscardini, Malcolm Harbour, Georgios Papastamkos,
Rolandas Paksas, Lara Comi, Emma McClarkin, Mario Borghezio,
Matteo Salvini, Konstantinos Poupakis**

RE\921652MT.doc

PE493.726v

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet komuni kontra l-kontraffazzjoni flimkien ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi l-kontraffazzjoni u l-piraterija huma detrimentali għall-funzjonament xierqa tas-suq uniku, billi jgħawġu l-kummerċ u l-konkorrenza;
 - B. billi l-fenmoenu tal-kontraffazzjoni u l-piraterija għandu implikazzjonijiet għall-ħarsien kemm tal-konsumaturi, li huma vittmi tal-qerq deliberat f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità li jistennew mill-prodotti, kemm tal-produtturi, li jintlaqtu minn tnaqqis fil-bejgħ u minn aċċess għas-swieq internazzjonali;
 - C. billi sal-lum ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni komuni li tgħin fil-prevenzjoni ta' dan il-fenomeno, li tkopri ngħidu aħna d-determinazzjoni tal-indikazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti deħlin fl-UE minn pajjiżi terzi, kontrolli effikaċi u konsistenti mid-dwana tal-UE u traċċabilità tal-beni fis-suq uniku;
1. Jisħaq l-importanza ta' impenn politiku isħaħ għat-taqbida kontra l-kontraffazzjoni fis-suq uniku u għal aktar riżorsi għal dan l-iskop;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq kapitolu xieraq dwar id-dispożizzjonijiet komuni kontra l-kontraffazzjoni fil-ftehimiet bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea fl-organizzazzjoni internazzjonali jistabbilixxu gruppi ta' ħidma dwar il-kontraffazzjoni u l-piraterija ħalli jkunu żviluppanti għodod xierqa għall-prevenzjoni ta' żieda f'dan il-fenomeno.